# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian J Abdilla)**

**vs**

**Alfred Spiteri**

**Kumpilazzjoni Nru: 271/2005**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Spiteri, ta' 46 sena, bin George u Salvina nee' Schembri, imwieled il-Belt Valletta fit-30 ta' Gunju, 1958 u residenti fil-fond numru 129, St Paul's Street, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 494658(M)

Akkuzat talli
Talli f'dawn il-gzejjert f'dawn l-ahhar snin u cioe' fix-xahar ta' Dicembru, 2003 u fil-granet u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera

haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm500 bi hsara ta’ Sabrina Zammit detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 444184(M)

b. Appropja ruhu minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm100 u inqas minn Lm500, liema flejjes jappartjenu lil l-istess Sabrina Zammit bhala kera ta’ fond gewwa 129, Triq San Pawl, Valletta liema fond huwa propjeta tal-Gvern

Rat id-degriet ta’l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta’ Ottubru, 2017 permezz ta’ liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisafacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni ta'l-imputat, il-fedina penali kif ukoll id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettaq r-reat in ezami.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(b)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[1] Peress illi b'emendi li saru fil-Kapitolu 9 wara id-data li fihom sehhew il-fatti tal-kaz il-piena saret aktar oneruza l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li kienu jipprovdu dawn l-artikoli fiz-zmien li sehhew ir-reati.